

KOR MALTA
MALTA NATIONAL CHOIR

# SEJĦA GĦALL DIRETTUR ARTISTIKU/ SURMAST PRINĊIPALI

*Information pack*

QED IFITTEX DIRETTUR ARTISTIKU/SURMAST PRINĊIPALI

# IR-RWOL FIL-QOSOR

KorMalta – il-Kor Nazzjonali Malti qiegħed ifittex biex tqabbad Direttur Artistiku /Surmast Prinċipali. KorMalta hu parti mill-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva, aġenzija pubblika li tipprovdi qafas wieħed legali, aministrattiv u organizzattiv għal KorMalta, TeatruMalta u ŻfinMalta. Id-Direttur Artistiku/Surmast Prinċipali għandu jkun mexxej kulturali, u jkun qiegħed jagħti kontribut lit-Tim Eżekuttiv tal-Aġenzija. Huma jkollhom ir-responsabbiltà wiesa' li jieħdu ħsieb id-direzzjoni artistika tal-kumpanija u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tar-riżultati artistiċi tagħha. Id-Direttur Artistiku/Surmast Prinċipali se jmexxi l-kumpanija fil-fażi li jmiss tal-iżvilupp tagħha, b'viżjoni artistika distinta, b'mod li jwassal il-missjoni u l-valuri ta' KorMalta. Id-Direttur Artistiku/Surmast Prinċipali se joħloq programm tal-ogħla kwalità bir-riżorsi mifthiema. Il-koerenza u l-eċċellenza se jkunu meħtieġa f'aspetti artistiċi, maniġerjali u organizzattivi tal-kumpanija.

Ix-xogħol ta' Direttur Artistiku /Surmast Prinċipali jinkludi – imma mhux limitiat għal - imexxi l-provi fejn hemm bżonn, imexxi l-ispettakli, kunċerti, żjajjar u kull xogħol ta' rrekordjar.

Id-Direttur Artistiku /Surmast Prinċipali, flimkien mal-Eżekuttiv tal-Amministrazzjoni se jimmaniġġja l-membri tal-kor, u jirraportaw lill-Kap Eżekuttiv u d-Direttur tal-Amministrazzjoni tal-Aġenzija.

KORMALTA
MALTA NATIONAL CHOIR

# DWAR IL-KUMPANIJA

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva hija mmexxija minn Bord ta' Diretturi u Chairperson, waqt li hi mmaniġjata minn Kap Eżekuttiv, id-Direttur tal-Amministrazzjoni u tlitt Diretturi Artistiċi. Dan jiżgura li l-viżjoni artistika, l-iżvilupp tal-brand, u l-identità ta' KorMalta, TeatruMalta u ŻfinMalta huma distinti, ċari u fil-proċess tagħhom. Dawn it-tliet entitajiet jipproduċu programm artistiku separat tagħhom kull sena, waqt li wkoll jikkollaboraw fuq proġetti ta' koproduzzjoni għal udjenzi lokali u internazzjonali, waqt li jiggarantixxu kalendarju nazzjonali b'saħħtu, ikkurat u kkonsolidat mas-settur tal-arti performattiva lokali. Dan se jinkludi wkoll strateġija għal ħolqien ta' sinerġiji mal-Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi (PCOs) l-oħrajn, kif ukoll mas-settur privat.

Imwaqqfa fl-2023, l-Aġenzija għandha l-għan li ssir l-aġenzija prinċipali nazzjonali għall-Arti Performattiva, li toħloq diskussjoni ffukata fuq it-Teatru, Żfin u Kant tal-Kor, waqt li tipproduċi xogħol li jilħaq il-livell nazzjonali ta' eċċellenza permezz ta' ħidma fuq proċessi artistiċi ta' eċċellenza fi ħdan il-komunitajiet u l-mezzi edukattivi possibbli. B'hekk, l-Aġenzija se tiżviluppa wkoll udjenzi ġodda tal-arti performattiva, u tkompli ssaħħaħ dawk li diġà huma hemm, b'mod li tista' żżid it-tkabbir tal-udjenza, l-involviment u l-parteċipazzjoni, kif ukoll biex isservi ta' katalist għal talent ġdid permezz ta' konnessjonijiet nazzjonali msaħħa mas-settur edukattiv. Stabbilit fl-2018, KorMalta wettaq ġidma intensa biex il-kor nazzjonali jkun grupp korali kwalifikat, li jista' jindirizza wkoll l-aktar repertorji korali wiesa' u impenjattivi.

Il-Kor ippreżenta bosta spettakli ta' livell għoli, fosthom id-Disa' Sinfonija ta' Beethoven, taħt id-direzzjoni ta' Brian Schembri, b'kollaborazzjoni mal-Kor Chamber Filarmoniku Estonjan, The Planets ta' Holst, immexxija minn Michalis Economou, il-Quddiesa Kbira f'Do Minuri ta' Mozart, b'direzzjoni ta' Peter Manning, The Armed Man ta' Jenkin, immexxija minn Michael Laus, ir-Requiem ta' Faure, taħt id-direzzjoni ta' Riccardo Bianchi, u s-Salmijiet ta' Chichester ta' Bernstein, immexxija minn Wayne Marshall. Fi Frar 2019, KorMalta pparteċipa mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta fi spettaklu live tal-mużika tal-film ta' Disney, Beauty and the Beast.

KOR MALTA
MALTA NATIONAL CHOIR

Fil-qasam operatiku, fl-2020 KorMalta ħa sehem fl-Otello ta' Rossini u fl-2022 bi kburija pparteċipa wkoll f' Le Maschere ta' Pietro Mascagni, flimkien mar-rinomata Filarmonica Arturo Toscanini taħt it-tmexxija ta' Jacopo Brusa, waqt il-festival prestiġjuż Illica Festival.

Minbarra kollaborazzjonijiet mal-orkestra nazzjonali, il-kor ikkollabora mill-qrib mal-Valletta Baroque Ensemble, u matul is-snin kien parti minn produzzjonijiet rinomati fi ħdan il-Valletta International Baroque Festival, fosthom ir-Requiem ta' Biber immexxi minn Stefano Molardi, il-Messija ta' Handel taħt id-direzzjoni ta' Christian Curnin u Membra Jesu Nostri ta' Buxtehude immexxija minn Riccardo Bianchi.

Matul l-aħħar żewġ staġuni mużikali l-kor, li hu magħmul minn 56 membru u taħt id-direzzjoni tad-direttur artistiku tiegħu, ħadem fuq bosta proġetti a cappella li jkopru firxa wiesgħa ta' repertorji mill-polifonija sa dak kontemporanju. Xogħlijiet reċenti inkludew lil William Byrd u motets tar-Rinaxximent Taljan u polifonija medjevali f'kunċert ispirat minn La Divina Commedia ta' Dante, spettakli a cappella ta' A Helena ta' Xenakis, flimkien ma' mużika ta' Pizzetti u Castelnuovo Tedesco bħala parti mill-Malta International Spring Festival.

L-aktar karatteristika stilistika ta' KorMalta hija l-eklettiżmu mużikali, b'inklinazzjoni li jikkollabora ma' forom oħra ta' arti, billi jinħolqu spettakli innovattivi bil-kollaborazzjoni ta' artisti viżivi, atturi u żeffiena, bħal fil-każ tal-ispettaklu ikoniku li ttella mas-sebħ, ta' Il-Quddiesa ta' Filgħodu ta' Ola Gjeilo, fit-Tempji Megalitiċi tal-Imnajdra b'kollaborazzjoni mal-kumpanija nazzjonali taż-żfin ZfinMalta, u ma' Heritage Malta.

KOR MALTA
MALTA NATIONAL CHOIR

# RESPONSABBILTAJIET EWLENIN

Id-Direttur Artistiku/Mexxej tal-Kor jifforma parti mit-Tim Eżekuttiv tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva, u jkun mitlub li:

- Jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' strateġija artistika u ta' żvilupp fuq tliet snin għall-kumpanija b'kollaborazzjoni mal-Kap Eżekuttiv u d-Direttur tal-Amministrazzjoni (Direttur tal-Finanzi u Operat) waqt li jikkunsidra l-politiċi kulturali nazzjonali. Il-qafas ta' tliet snin irid ikopri produzzjonijiet artistiċi, żjajjar, programm ta' edukazzjoni u parteċipazzjoni, u żvilupp tal-udjenza u tal-artist;
- Jikkollabora mat-tim eżekuttiv tal-ANAP, li jkinkludi d-Diretturi Artistiċi ta' ŻfinMalta u TeatruMalta biex jikkontribwixxu għall-missjoni tal-Aġenzija;
- Joħloq u jartikola programm li jesprimi l-viżjoni, il-missjoni u l-miri tal-kumpanija, f'konsultazzjoni mal-Kap Eżekuttiv u jaħdem mal-imsieħba u f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati prinċipali;
- Flimkien mal-Eżekuttiv tal-Amministrazzjoni (KorMalta) jipprovdi tmexxija artistika lil KorMalta;
- Jissorvelja u jiddirieġi l-attività artistika ta' KorMalta;
- Jirriċerka u jagħżel kollaboraturi biex jaħdmu mal-kumpanija li jikkunsidraw xogħlhom bħala innovattiv, kreattiv u xieraq għall-viżjoni, l-ispeċifikazzjonijiet għad-daqs u tekniċi ta' KorMalta;
- Jinnegozja t-termini tal-kummissjonijiet mal-kollaboraturi flimkien mal-Eżekuttiv tal-Amministrazzjoni (KorMalta) u l-Kap Eżekuttiv tal-ANAP u Direttur tal-Amministrazzjoni (Direttur tal-Finanzi u tal-Operazzjonijiet);
- Jartikola l-programm għall-finanzjament u jikkollabora mal-uffiċjal inkarigat mill-kisba ta' finanzjament minn entitajiet ta' finanzjament u sponsors;
- Imexxi opportunitajiet u jikkordina sessjonijiet għal żvilupp artistiku tal-mexxejja tal-koristi u tal-ilħna;
- Jattendi għal-provi mal-Prinċipali kif mitlub;
- Jagħmel rapporti ta' attività b'mod perjodiku u jippreżentahom lill-Bord permezz tal-Kap Eżekuttiv
- Jiddefinixxi -f'kollaborazzjoni mal-Eżekuttiv tal-Amministrazzjoni (KorMalta)- il-baġit ta' kull produzzjoni u kull proġett biex tiġi rrealizzata l-viżjoni artistika u l-qafas strateġiku fil-parametri tal-baġit;

KORMALTA
MALTA NATIONAL CHOIR

- Iservi bħala kelliem għall-iskop artistiku tal-organizzazzjoni waqt avvenimenti fejn jitkellem, dehriet pubbliċi u soċjali, kif jiġi mitlub, min ħin għal ħin'
- Id-Direttur Artistiku/Surmast Prinċipali jikkollabora mal-Kap Eżekuttiv u d-Direttur tal-Amministrazzjoni biex iqabbdu koristi, mexxejja tal-ilħna u mużiċisti;
- Flimkien mal-Kap Eżekuttiv jgħolli l-profil yal-kumpanija billi jaħdem ma' postijiet u preżentaturi biex jinbnew relazzjonijiet fuq livelli nazzjonali u internazzjonali;
- Jservi bħala kelliem tal-kumpanija għal-media u jattendi stqarrijiet tal-midja kif ikun mitlub;
- Jiżviluppa u jiskeda l-programm annwali ta' avvenimenti tal-Kor, b'mod li jinkludi l-aktar forom ta' espressjonijiet artistiċi wiesa', bl-għan li jintlaħqu nies ta' kull età u mill-gruppi soċjali kollha, irrelevanti mill-isfond kulturali tagħhom;
- Irawwem relazzjonijiet fuq ix-xogħol pożittivi fuq livelli lokali, nazzjonali u internazzjonali ma' kumpaniji/organizzazzjonijiet pubbliċi, istituzzjonijiet, fondazzjonijiet u djar tal-produzzjonijiet billi jinkoraġixxi attivitajiet kollaborattivi fejn xieraq, u biex tiġi ffaċilitata l-viżjoni tal-Kumpanija;
- Flimkien mal-Eżekuttiv tal-Amministrazzjoni (KorMalta) jissorvelja l-iskedi tax-xogħol u l-qsim tad-dmirijiet għall-persunal artistiku u tekniku;
- Jipprepara u jmexxi l-Kor b'mod mużikali u lingwistiku, inkluż li jgħallem mill-bidu sakemm jiftakruha bl-amment;
- Evalwazzjoni kontinwa tal-prestazzjoni tal-koristi;
- Jinkoraġixxi l-aħjar standards possibbli għall-prestazzjoni tal-Kor;
- Jattendi l-ispettakli tal-Kor, inkluż żjajjar u attivitajiet extra-kurrikulari (irrekordjar u kunċerti) bħalma jkun mitlub;
- Tmexxija lil hinn mill-palk;
- Jkun lest li jissostitwixxi s-Surmast tal-Orkestra jekk ikun hemm bżonn;
- Jikkoordina mal-Librerija tal-Mużika dwar il-preparazzjoni ta' partituri għall-kor.
- Jipprovdi l-koristi b'teknika vokali tajba u taħriġ fil-leħen;
- Jorganizza masterclasses sabiex jiżviluppa l-istudju ta' repertorji speċifiċi li jinvolvu surmastrijiet u kantanti rinomati fuq livell internazzjonali;
- Kapaċi li jagħmel xogħol ta' preparazzjoni mużikali f'lingwi Ewropej prinċipali'
- Jaħdem bħala répétiteur għal KorMalta jekk ikun hemm bżonn. Bħal pereżempju, jdoqq għall-awdizzjonijiet prinċipali, jieħu ħsieb id-dmirijiet

KOR MALTA
MALTA NATIONAL CHOIR

- tal-palk, imexxi l-artisti prinċipali. Jieħu xogħol tal-platea jekk ikun hemm bżonn.
- Jorganizza sejħiet tal-mużika u jiżgura li l-iskedi jkunu preparati b'mod li jlaħħqu mal-iskadenzi rikjesti.
- Jagħti appoġġ lill-Eżekutivv tal-Amministrazzjoni (KorMalta) fl-immaniġġjar tal-Kor.
- Ikompli u jfittex li jiżviluppa u jtejjeb il-prattiċi u s-sistemi ta' xogħol.
- Jibni tim effettiv li joffri appoġġ, superviżjoni u motivazzjoni u jkun ta' moral għoli sa fejn hu possibbli.
- Jinkoraġixxi l-iżvilupp tal-Kor u l-ħiliet artistiċi tagħhom, b'mod li jevalwa u jirrakkomanda taħriġ jekk ikun meħtieġ.

KORMALTA
MALTA NATIONAL CHOIR

# STRUTTURA TAL-ORGANIZZAZZJONI

Id-Direttur Artistiku/Surmast tal-Kor jifforma parti mit-Tim Eżekuttiv għall-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva. Membri oħra jinkludu l-Kap Eżekuttiv, id-Direttur tal-Amministrazzjoni, responsabbli mill-operat u l-attività finanzjarja tal-Aġenzija u d-Diretturi Artistiċi għal ŻfinMalta u Teatru Malta, iż-żewġ kumpaniji l-oħra li jiffurmaw parti mill-Aġenzija. Id-Diretturi Artistiċi jirrappurtaw lill-Kap Eżekuttiv u lid-Direttur tal-Amministrazzjoni.

# KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL

Kuntratt ta' Servizz se jingħata għal tliet snin bil-possibbiltà li jiġġedded. Id-Direttur Artistiku/Surmast tal-Kor se jkun meħtieġ jaħdem tard jew fi tmiem il-ġimgħa jew btajjel pubbliċi biex jilħaq l-iskadenzi u jista' jkun meħtieġ jattendi provi tekniċi, jissorvelja u jassisti fl-aspetti tekniċi ta' produzzjonijiet u avvenimenti.

Il-ħinijiet tax-xogħol huma flessibbli, ibbażati fuq ftehim reċiproku mal-Kap Eżekuttiv.

Il-pakkett tal-paga huwa ta' €30,000 fis-sena eskluża l-VAT

KOR MALTA
MALTA NATIONAL CHOIR

## TAGĦRIF MEĦTIEĠ /ĦILIET MEĦTIEĠA

*Essenzjali*

L-applikanti jrid ikollhom:

• Kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF fid-Direzzjoni tal-Kor u Kompożizzjoni tal-Kor.

• Kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF fid-Direzzjoni tal-Orkestra

• Grad 8 bħala pjanista/akkumpanjatur

*Mixtieq*:

• Studji speċifiċi fil-Kontropunt għal standard għoli (MQF Livell 5), l-esperjenza tad-daqq għall-preparazzjoni u l-provi professjonali tal-kor, għarfien eċċellenti tar-repertorju tal-kor, l-esperjenza tat-tmexxija tal-kor u tal-opera, fehim tal-prattiċi tax-xogħol ta' teatru maġġuri;

• Impenn għall-iżvilupp kulturali ta' Malta f'konformità mal-Politika Kulturali Nazzjonali;

• Turija li kkura, pproduċa jew pprova xogħol ta' konsulenza fis-settur internazzjonali;

• Kapaċità li jikkomunika b'mod effettiv bil-Malti u bl-Ingliż

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħatu fuq christabel.borg-preca@zfinmalta.mt sad-29 ta' Ottubru. L-applikazjoni jrid ikollha:

-CV

-ittra ta' akkumpanjament

-portafoll

-Żewġ referenzi

L-applikanti fil-lista mqassara se jiġu mistiedna għal intervista mal-kumitat tal-għażla fejn l-applikanti se jkunu mistiedna jippreżentaw il-viżjoni tagħhom għall-Kumpanija fuq termini qosra u medji.